

32007D0224

L 96/18

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

11.4.2007

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-4 ta' April 2007

li tikkonċerna l-pubblikazzjoni tar-referenza ta' l-istandard EN 71-1:2005 "Sikurezza tal-Ġugarelli – Parti 1: proprjetajiet mekkaniċi u fiżiċi" fir-rigward tal-kondizzjonijiet tekniċi dwar missili fil-ġugarelli li għandhom diska tal-lastku bħala parti li tiegħu l-impatt bi qbil mad-Direttiva tal-Kunsill 88/378/KEE dwar is-sikurezza tal-ġugarelli

(notifikat bid-dokument numru C(2007) 1460)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2007/224/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 88/378/KEE ⁽¹⁾ tat-3 ta' Mejju 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet fl-Istati Membri li jikkonċernaw is-sikurezza fil-ġugarelli, u b'mod partikolari it-tieni sottoparagrafu ta' l-Artikolu 6(1) tagħha,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti stabbilit mill-Artikolu 5 tad-Direttiva 98/34/KE ⁽²⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam ta' l-istandards u tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-Servizzi tas-Soċjetà ta' l-Infurmazzjoni, kif emendata bid-Direttiva 98/48/KE ⁽³⁾ (Kumitat dwar l-istandards u r-regolamenti tekniċi),

Billi:

(1) L-Artikolu 2 tad-Direttiva 88/378/KEE jipprevedi li l-ġugarelli għandhom jitqiegħdu fis-suq biss jekk ma jipperikolawx is-sikurezza u/jew is-saħħa ta' min jużahom jew ta' partijiet terzi meta jintużaw b'mod li jista' jiġi previst, filwaqt li tittieħed dejjem in konsiderazzjoni l-imġiba normali tat-tfal.

⁽¹⁾ ĠU L 187, 16.7.1988, p. 1. Id-Direttiva kif emendata bid-Direttiva 93/68/KE (ĠU L 220, 30/8/1993, p. 1).

⁽²⁾ ĠU L 204, 21.7.1998, p. 37. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar b'Att ta' Adeżjoni ta' l-2003.

⁽³⁾ ĠU L 217, 5.8.1998, p. 18.

(2) Skond l-Artikolu 5(1) tat-tieni sottoparagrafu tad-Direttiva 88/378/KEE, huwa preżunt li l-ġugarelli jikkonformaw mal-kondizzjonijiet essenzjali msemmija fl-Artikolu 3 ta' din id-Direttiva jekk ikunu b'konformità ma' l-istandards nazzjonali applikabbli għalihom li jittrasponu l-istandards armonizzati, li n-numri tar-referenza tagħhom ġew ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

(3) Skond l-Artikolu 5(1) it-tieni sottoparagrafu tad-Direttiva 88/378/KEE, l-Istati Membri huma meħtieġa li jipublikaw in-numri ta' referenza ta' l-istandards nazzjonali li jittrasponu l-istandards armonizzati, li n-numri ta' referenza tagħhom ġew ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

(4) Il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) skond mandat mill-Kummissjoni, fassal u adotta standard armonizzat EN 71-1:1998 Sikurezza tal-Ġugarelli – Parti 1: "proprjetajiet mekkaniċi u fiżiċi" fil-15 ta' Lulju 1998, li r-referenzi għalihom ġew ippubblikati għall-ewwel darba fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej tat-28 ta' Lulju 1993 ⁽⁴⁾.

(5) Fid-19 ta' Settembru 2005, il-Kumitat Ewropew dwar l-Istandardizzazzjoni adotta l-istandard EN 71-1:2005 "Sikurezza tal-Ġugarelli – Parti 1: proprjetajiet mekkaniċi u fiżiċi" li hija verżjoni kkonsolidata ta' l-istandard armonizzat EN 71-1:1998 u l-11 –il emenda tiegħu.

⁽⁴⁾ ĠU L 215, 28.7.1999, p. 4.

- (6) Skond l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 88/378/KEE, l-awtoritajiet Spanjoli ressq u oġġezzjoni formali fir-rigward tal-kondizzjonijiet dwar ġugarelli li jkollhom missili b'diska tal-lastku għall-impatt li huma maħsuba għall-użu minn tfal ta' età oġhla minn tliet snin stipulat fl-istandard EN 71-1:2005. L-awtoritajiet Spanjoli jsostnu li l-istandard ma jipprovdix protezzjoni suffiċenti għal ġugarelli li jkollhom missila li jkunu maħsuba għal tfal ta' età oġhla minn tliet snin. Skond l-awtoritajiet Spanjoli, tifel li għandu iktar minn tliet snin jista' jaqla' d-diska tal-lastku minn fuq il-missila permezz ta' forza li hija oġhla minn 60 N stipulata fil-klawżola 8.4.2.3 "test għall-komponenti protettivi".
- (7) L-istandard EN 71-1:2005 jistipula kondizzjonijiet differenti għall-ġugarelli li jkollhom diska tal-lastku skond l-età tat-tifel. Fir-rigward tal-ġugarelli li jkollhom diska tal-lastku għal tfal ta' taħt l-età ta' tliet snin, l-istandards jeħtieġu li "t-test tat-tensjoni" jitwettaq b'forza ta' 50 N (fil-każ li l-oġhla dimensjoni aċċessibbli hija ta' 6 mm jew inqas) jew 90 N (fil-każ li l-oġhla dimensjoni aċċessibbli hija ikbar minn 6 mm). Fir-rigward ta' ġugarelli li huma mġhammra b'diska tal-lastku bħala parti li tieħu l-impatt li huma maħsuba għal tfal ta' età oġhla minn tliet snin, l-istandard jeħtieġ fil-klawżola 4.17.1(b) li l-materjali elastiċi li jintużaw bħala uċuħ li jilqgħu l-impatt ma jistgħux jinjalghu meta dawn jiġu ttestjati skond il-klawżola 8.4.2.3 (test tat-tensjoni, komponenti protettivi). It-test tat-tensjoni għall-komponenti protettivi speċifikat fil-klawżola 8.4.2.3. isir b'forza ta' 60 N.
- (8) Il-Kummissjoni ġiet infurmata dwar bosta inċidenti bil-ġugarelli li jkollhom missili b'diska ta' lastku li tilqa' l-impatt li huma maħsuba għal tfal b'età oġhla minn tliet snin. Fl-1997, tifel Żvediż ta' 9 snin miet bi fgar wara li kien qiegħed jissoffja fuq diska tal-lastku li kien bela' inċident-talent. Żewġ fatalitajiet oħra saru fir-Renju Unit. Aktar minn hekk, il-Kummissjoni ġiet infurmata bi tmien fatalitajiet irreġistrati fl-Istati Uniti. Aktar reċentament, f'Awissu 2005, l-awtoritajiet Spanjoli infurmaw lill-Kummissjoni dwar inċident fatali li kellu tifel ta' erba' snin ikkawżat minn ġugarell qaws u flegġa b'diska tal-lastku.
- (9) Id-diski tal-lastku mwaħħlin mal-ġugarelli missili huma maħsuba biex iwaħħlu l-missila ma' xi wiċċ li jaħbtu miegħu. It-twaħħil u t-tneħħija tal-missila jimplika li d-diska hija sottomessa għal stress ripetut. Aktar minn hekk. It-tfal ta' età oġhla minn tliet snin ipoġġu d-diski tal-lastku ma' ħalqhom biex ixarrbu d-diska qabel ma jawhhlhom mal-wiċċ. Jekk id-diska mhux imwaħħla sew mal-ġugarell wieħed jista' jobsor li dawn jistgħu jinjalghu waqt l-użu normali u prevedibbli tagħhom. Jekk id-diska tal-lastku tinqala' u tidħol kollha fil-ħalq, tista' tibblokka l-pajp tan-nifs fin-naħa ta' wara tal-ħalq u n-naħa ta' fuq tal-gerżuma b'hekk tikkawża l-fgar.
- (10) Skond dawn is-sejbiet, l-Istati Membri jikkunsidraw li t-tfal li għandhom età oġhla minn tliet snin għandhom jinġhataw l-istess protezzjoni li tingħata lit-tfal ta' taħt l-età ta' tliet snin. B'hekk, id-diski tal-lastku użati bħala parti għall-impatt fuq il-ġugarelli missili maħsuba għat-tfal ta' iktar minn tliet snin m' għandhomx jinjalghu meta dawn jiġu sottomessi għat-testijiet rilevanti stipulati fil-klawżola 5.12.b ta' EN 71-1:2005, partikolarment "it-test tat-torque" (klawżola 8.3) u "test tat-tensjoni, ġenerali" (klawżola 8.4.2.1).
- (11) B'konsegwenza ta' dan, skond l-informazzjoni mressqa mill-awtoritajiet Spanjoli, mill-awtoritajiet nazzjonali l-oħrajn u l-Kumitat dwar l-istandards u r-regolamenti tekniċi, l-Kummissjoni tikkunsidra li l-istandard EN 71-1:2005 jippreżenta xi nuqasijiet fir-rigward tal-kondizzjonijiet tekniċi għall-ġugarelli li huma missili b'diska tal-lastku li sservi bħala l-parti li tieħu l-impatt li huma maħsuba għat-tfal ta' età oġhla minn tliet snin.
- (12) Filwaqt li ssir ir-reviżjoni ta' l-istandard, u fl-interess tas-sikurezza u ċ-ċertezza legali, il-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea tar-referenza għall-istandard EN 71-1:2005 għandha tiġi akkumpanjata minn avviż xieraq.
- (13) Fl-assenza ta' standard li jkopri r-riskju li jissemma hawn fuq u skond l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 88/378/KEE, l-Istati Membri għandhom jassumu li l-ġugarelli li jissemme hawn fuq jissodisfaw il-kondizzjonijiet essenzjali ta' sikurezza jekk ikollhom biss ċertifikat ta' eżaminazzjoni tat-tip KE maħruġ minn korp innotifikat li jikkonforma mal-mudell approvat li ġie ċertifikat mill-ġhotja tal-marka KE.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fil-każ tal-ġugarelli li fihom missila bid-diska tal-lastku maħsuba għal tfal ta' età oġhla minn tliet snin, l-istandard EN 71-1:1998 "Sikurezza tal-ġugarelli – Parti 1: proprjetajiet mekkaniċi u fiżiċi" kif adottat mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni fid-19 ta' Settembru 2005 ma jissodisfaw il-kondizzjonijiet essenzjali ta' sikurezza li jissemme fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 88/378/KEE, partikolarment skond l-Anness II.I.I (e), sakemm dan ma jikkonċernax il-klawżola 4.17.1 (b).

Artikolu 2

Il-pubblikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* tar-referenza ta' l-istandard EN 71-1:2005 "Sikurezza tal-ġugarelli – Parti 1: proprjetajiet mekkaniċi u fiżiċi" għandhom jiġu akkumpanjati mill-avviż adizzjonali li ġej:

"Fil-każ tal-ġugarelli li għandhom missila bid-diska tal-lastku għall-impatt, il-kondizzjonijiet stipulati fil-klawżola 4.17.1 (b), skond liema it-test tat-tensjoni jsir skond il-klawżola 8.4.2.3, ma jkoprix ir-riskju ta' fgar ippreżentat minn dawn il-ġugarelli".

Artikolu 3

Avviż identiku għal dak ipporvdut fl-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni għandu jakkumpanja r-referenza għal standard nazzjonali li jittrasponi l-istandard EN 71-1:2005 "Sikurezza

tal-ġugarelli – Parti 1: proprjetajiet mekkaniċi u fiżiċi", li għandhom jiġu ppubblikati mill-Istati Membri skond l-Artikolu 5(1) it-tieni sottoparagrafu tad-Direttiva 88/378/KEE.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 4 ta' April 2007.

Għall-Kummissjoni

Günter VERHEUGEN

Vċi-President tal-Kummissjoni